# RWOL IL-MAJJISTRI BEJN L-1900 U L-1990

Fiona Vella

**"Bħala ners li naħdem fid-Dipartiment tal-Emerġenza, waqt li darba minnhom kont xogħol f'ambulanza, sibt ruħi qed nassisti mara biex twelled lit-tarbija tagħha," bdiet tispjega Janice Cassar. "Din l-esperjenza nisslet f'moħħi diversi mistoqsijiet dwar x'kien isir fil-passat waqt mumenti bħal dawn, fejn il-majjistri kellhom jimprovizzaw skont is-sitwazzjoni u l-ambjent li jsibu ruħhom fih, billi jagħmlu użu mill-għerf u l-kapaċità li kellhom, aktar milli billi jserrħu fuq l-għodda tagħhom."**

Dawn il-ħsibijiet ħeġġewha biex tibda tagħmel riċerka għall-interess tagħha personali. Madanakollu, hi tant daħlet fil-profond ta' dan it-tiftix, li spiċċat biex sabet ruħha għal għonq it-triq ta' vjaġġ interessanti ta' skoperta li ħadha lura lejn il-perjodu li jkopri s-snin bejn l-1900 u l-1990.

## METODOLOĠIJA

"Id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni rigward il-majjistri u t-twelid fid-djar f'dik l-epoka huma skarsi ħafna. Infatti, ma ssib l-ebda dettalji ta' x'kien isir fil-kamra tal-ħlas waqt it-twelid ta' tarbija f'dawk is-snin," spjegat Janice.

"Kien għalhekk li ddeċidejt li nibda nesplora l-perċezzjonijiet tal-ommijiet u tal-majjistri dwar il-ħlas li kien isir fid-djar bejn dan il-perjodu. L-għan prinċipali tiegħi kien li nsir naf aħjar x'kien ir-rwol tal-majjistra matul it-tqala, waqt il-ħlas, u kif ukoll wara t-twelid. Dan xtaqt nagħmlu billi nfittex l-istejjer u l-memorji personali tan-nies li għaddew minn dawn l-esperjenzi waqt dan iż-żmien partikolari."

B'kollox, Janice intervistat 24 omm (23 minn Malta u waħda minn Għawdex) li bejniethom welldu 95 tarbija fid-djar tagħhom. Kollha kienu miżżewġa għax dari kien tabù li mara jkollha tarbija jekk ma tkunx ħadet l-istat tagħha. Fost dan it-twelid kien hemm: par tewmin, żewġ ħlasijiet mingħajr assistenza, tliet korrimenti, tliet trabi li twieldu mejtin, u każ fejn mietet l-omm. L-età medja tan-nisa intervistati kienet ta' 78, fejn l-iżgħar kellha 60 sena u l-akbar 99 sena.

Għal dan l-istħarriġ, hi tkellmet ukoll ma' erba' nisa li fi żmienhom kienu jaħdmu bħala majjistri, filwaqt li ltaqgħet ukoll ma' xi qraba ta' tliet majjistri oħra li llum m'għadhomx magħna.

## STĦARRIĠ

"Qabel l-1959, il-kwalifiki meħtieġa biex issir majjistra kienu li mara tkun taf tikteb u taqra bl-Ingliż u l-Malti, ikollha għarfien bażiku fis-somom, sentejn apprendistat is-Central Hospital, tkun assistiet mhux inqas minn 40 twelid, tilħaq il-kriterji kollha tal-*medical board* tal-gvern ta' dak iż-żmien, tgħaddi mill-eżamijiet u jkollha diploma ta' ners u majjistra, tħallas il-miżati, u tkun ta' karattru u morali tajba," skopriet Janice.

"Kull ħlas għandu tliet stadji u l-majjistra kienet mistennija tassisti matulhom. L-ewwel stadju ġeneralment ikopri diversi sigħat fejn l-utru jirqaq, jitwal, jitwessa', u jinfetaħ. Il-mara tibda tħoss uġigħ taħt id-dahar u fiż-żaqq."

"Meta jibda dan l-uġigħ, xi membru tal-familja li ma kienx ser ikun qed jassisti l-omm waqt it-twelid, kien imur isejjaħ lill-majjistra. Ħafna mill-majjistri kienu jidentifikaw ruħhom billi jwaħħlu plakka biswit il-bieb ta' barra ta' darhom li fuqha kien ikollha miktub l-isem u s-servizzi li joffru. Għal filgħaxija, kien hemm min ikollu wkoll lampa b'salib fuqha wara l-bieb biex in-nies isibu l-post malajr."

"Jekk ma tkunx qed taqdi lil ħaddieħor, malli xi ħadd kien isejħilha, il-majjistra kienet toħroġ taqdih. Kif tasal, hija kienet tiċċekkja fiex waslet l-omm, fosthom:



Plakka li kienet tindika r-residenza tal-majjistra (Janice Cassar)



L-għodda tal-majjistra (Janice Cassar)



Il-basket tal-majjistra (Janice Cassar)

kemm infetħet, l-ilma, kemm qed ikun frekwenti l-uġigħ, il-pożizzjoni u l-qalb tat-tarbija, u l-istorja tal-omm waqt it-tqala tagħha. Waqt din l-eżaminazzjoni, hija kienet tevalwa wkoll jekk hux ser ikun hemm il-bżonn ta' xi mediċini jew l-għajnuna tat-tabib."

"Imbagħad, skont f'liema stat tkun sabet lill-omm u jekk tkun il-prassi tagħha, il-majjistra kienet tneħħi xi pil tal-mara jew tagħtiha xi porga jew levattiv. Jekk l-omm tkun għadha fil-bidu wisq tal-ħlas, il-majjistra ġieli kienet titlaq tassisti lil ħaddieħor u mbagħad tirritorna."

"Meta l-majjistra ma tkunx mill-istess raħal jew belt, kien hemm sistema twila kif din tintlaħaq. Infatti, hekk kif kien jibda l-uġigħ, xi membru tal-familja kien jiġri lejn l-għassa tal-post sabiex jitlob lill-pulizija jċemplu lill-għassa tal-inħawi fejn toqgħod il-majjistra. Kif jasal il-messaġġ, pulizija kien joħroġ mill-għassa sabiex imur ifittex lill-majjistra ħalli jagħtiha d-dettalji ta' dawk li jirrikjedu l-għajnuna tagħha. Minn hemm, il-majjistra kienet issib mezz kif tasal għand il-mara. Mhux darba u tnejn li kien hemm każi fejn il-majjistri ma laħqux waslu fil-ħin."

"Fl-ewwel stadju, l-omm kienet tkun akkumpanjata biss mill-qraba; ġeneralment mill-omm u mill-kunjata. Kienu jkunu l-qraba li jagħmlu l-preparamenti għall-ħlas, fosthom jgħallu l-misħun, ilestu x-xugamani, jitfgħu inċirata, lożor ħżiena u xi ftit xugamani fuq is-saqqu peress li dan kien magħmul mill-ħaxix u wara riedu jorqdu fuqu, jipprovdu dawl tal-lampa u xi tip ta' *heater* għas-sħana."

"Fit-tieni stadju, l-utru jirqaq u jitwessa', jiżdied l-uġigħ u tkun meħtieġa l-assistenza tal-majjistra. Jibda jiżdied it-tqanżiħ, it-tarbija tibda nieżla u finalment tkun waslet biex titwieled. Wara li titwieled it-tarbija, il-kurdun kien jinqata' b'żewġ metodi: bil-ħajt jew bl-għodda."

"Qabel is-sittinijiet, ma kinux jippermettu lill-omm li toqgħod f'ċerti pożizzjonijiet. Mir-riċerka



Għorfa fiż-Żejtun fejn twieldu aktar minn 5 trabi (Janice Cassar)

tiegħi 71% welldu fuq daharhom jew fuq il-ġenb. Ma setgħux joqogħdu kokka jew iserrħu imma riedu bilfors jimteddu fuq is-saqqu. Dan inbidel mill-1960 'l hawn fejn il-mara bdiet tingħata l-opportunità li tagħżel f'liema pożizzjoni kienet tħossha l-aktar komda twelled."

"F'dan l-istadju, il-majjistra kienet taħsel idejha u tilbes l-ingwanti u l-fardal. Jekk tkun ġejja minn twelid ieħor, kienet titlob lil xi ħadd mill-familja biex jgħallu l-għodod li hija tpoġġi ġo kontenitur tal-*istainless steel* sabiex jiġu eliminati l-mikrobi."

"Għat-twelid, uħud mid-djar kellhom kamra msejħa alkova li kellha wisgħa ta' madwar 5 b'6 piedi. Kienet tkun fis-sular t'isfel jew ta' fuq, u l-art kienet tkun miksija bil-madum minħabba l-iġjene, filwaqt li t-twieqi ma kinux jinfetħu biex ma jidħolx riħ. Spiss, l-alkova kienet tagħti għal kamra oħra. Filwaqt li wħud mill-kmamar kienu ddekorati u relattivament sbieħ, oħrajn kienu jkunu fl-għoli u jintlaħqu bi skalapiża li l-mara tqila u muġugħa kien ikollha titla' biex twelled!"

"Kien hemm oħrajn li kienu jagħżlu li jwelldu fl-għorfa. Din kienet tkun l-istess kamra li jinnamraw fiha peress li kienet kemxejn maqtugħa mill-bqija tad-dar. Fl-għorfa, meta jasal żmien il-ħlas, kienu jressqu s-sodda mal-ġenb tal-kamra ħalli ma jkunx hemm ventilazzjoni minħabba t-tarbija."

"Dawk li kienu tqal waqt il-gwerra, mhux darba u tnejn li kellhom iwelldu f'xelter. Fix-xelters il-kbar spiss kont issib kamra apposta, bl-art miksija bil-madum u mogħnija bi ftit dawl u għamara. Din il-kamra kienet tkun il-bogħod mill-komun sabiex in-nies la jaraw u lanqas jisimgħu. Oħrajn li jinzertaw f'xelters iżgħar fejn ma jkunx hemm post għal din il-kamra, kien ikollhom iwelldu fuq tavla dejqa ġo xelter bla ebda kumdità ta' xejn."

"Fit-tielet stadju, wara aktar tqanżiħ, kienet toħroġ is-sekonda. Imbagħad il-majjistra kienet timmassaġġa l-utru u tara kienx hemmx bżonn xi punti. Wara, taħsel lit-tarbija u lill-omm. Eventwalment, il-majjistra kienet tinforma lill-omm dwar il-bżonnijiet u n-nutrizzjoni tat-tarbija, filwaqt li tfakkarha li kellha tastjeni mis-sess għal mill-inqas erbgħin ġurnata."

"Jekk it-tarbija titwieled kiesħa, kienu jgeżwruha f'xugaman u jagħmluha viċin is-sħana. Majjistra qaltli li f'dan il-każ, kienu jagħmlu taħlita ta' misħun, zokkor, u żewġ qatriet rum u jpoġġuha fuq ilsien it-tarbija. Min-naħa l-oħra, jekk it-tarbija titwieled vjola, huma kienu jogħrkuha bir-rum u jagħmlulha l-magħmudija. Jekk l-omm tibda titlef ħafna demm, kienu jsejħu lit-tabib biex jagħtiha xi injezzjonijiet u l-mara tittieħed l-isptar."

Janice kellha x-xorti li tifli mill-qrib żewġ basktijiet ta' majjistri: wieħed tas-snin tletin u l-ieħor tas-snin



Rikostruzzjoni ta' xena ta' twelid id-dar

erbgħin. Dan tal-aħħar kien għadu mimli bl-għodda u b'kollox kien jiżen madwar 5 kilos.

"L-għodda li sibt kienu jinkludu: ingwanti, fardal, pinard (strument biex tisma' l-qalb tat-tarbija), lubrikant, miżien, *artery forceps*, imqassijiet, siringi, pelvimeter (biex tkejjel il-qadd), inċirata għas-saqqu, *stetoscope*, *delivery pack*, ħajt tal-punti, u labar ta' qisien varji. Kien hemm ukoll: kontenituri tal-*istainless steel*, diżinfettant, *suction tube* (biex ikunu jistgħu jbattlu l-istonku tat-tarbija), reġistri tat-twelid, pinna, levattiv (biex tnaddaf l-imsaren minn ġewwa), ċinturini (kienu jintrabtu mas-sodda biex l-omm tagħmel forza magħhom waqt li tkun qed twelled), garżi u tajjar."

Barra minn hekk, f'dan il-basket, Janice sabet ukoll xi mediċini, fosthom dawk għal kontra l-uġigħ inkluż gass imħallat mal-ossiġnu.

"Dan kien jintuża l-aktar mill-majjistri li kienu jaħdmu mal-MMDNA għax dawk ta' qabel ma kienx ikollhom dan il-gass għad-dispożizzjoni tagħhom. Fatt interessanti huwa li dan il-gass li seta' jtaffi l-uġigħ lin-nisa waqt il-ħlas, għamel żmien ipprojbit mill-Knisja. Infatti, waqt ir-riċerka tiegħi, xi nisa stqarru li kienu ppreferew li jibqgħu jwelldu d-dar u jġarrbu t-tbatija li kien hemm bżonn minħabba li kienu jibżgħu li jagħmlu dnub jekk imorru l-isptar u jkunu offruti dan il-gass."

## KONKLUŻJONI

Ir-riċerka ta' Janice Cassar għadha għaddejja hekk kif xi nies li jsiru jafu b'dan it-tiftix tagħha, qegħdin jersqu lejha u jgħaddulha aktar informazzjoni, inkluż ukoll għadd ta' rakkonti personali, li jkomplu jagħmlu dan it-tagħrif aktar intriganti.

Infatti, hija qed tistieden lil dawk kollha li jixtiequ jaqsmu l-esperjenzi tagħhom dwar din it-tema, biex jikkuntattjawha fuq 79091700 jew janice6ft@gmail.com